**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 18 ta' Frar 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**Vs**
**Ibrahim Ben Jeddi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ibrahim Ben Jeddi, detentur ta numru ta dokument Malti 128526A, fejn gie akkuzat talli nhar it-13 ta' Lulju 2018 f'xi hin filghaxija gewwa Tas-Sliema;

1. Ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta Svensson Amadeus Anton, hekk kif iccertifika Dr. Nicola Bonello, Med reg 4089 ta l-isptar Mater Dei; *u dan bi ksur ta l-artikoli 216, 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. Ikkaguna griehi ta natura hafifa fuq il-persuna ta Jonni Fredrik Alpo Frisberg, hekk skont kif iccertifikat Dr Francesca Spiteri, ta l-Isptar Mater Dei u Dr Jean Claude Farrugia, Med reg 5837 tac-Centru tas-sahha Floriana*; u dan bi ksur ta l-artiklu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. Ikkaguna griehi ta natura hafifa fuq il-persuna ta Jonas Sebitli, hekk skont kif iccertifikat Dr Natalle Psaila, Med reg 3210 tac-Centru tas-Sahha Floriana; *u dan bi ksur ta l-artiklu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli *(hsara fil-bieb ta residenza 37, Penthouse, Victoria Tower, Triq Gorg Borg Olivier, Sliema),* liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin euro (250), ghad-dannu ta' Jonni Fredrik Alpo Frisberg u/jew persuni jew entitajiet ohra; *u dan bi ksur ta l-artiklu 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Jonni Fredrik Alpo Frisberg, lil Jonas Sebitli u lil Svensson Amadeus Anton; *u dan bi ksur ta l-artiklu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), b'digriet mghoti mil- Magistrat Dr  C. Stafrace Zammit LLD li permezz tieghu huwa nghata il-helsien minn l-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat iehor u li jiffirma gewwa l-ghassa ta San Giljan;

Il-Qorti hija mitluba illi f'kas ta htija, l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini ta l-artikolu 579 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil vittmi w ir-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-Artikoli ta' l-Avukat Generali tas-16 ta' Gunju 2020 (ara folio 236), u l-kunsens ta' l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti nhar l-24 ta' Mejju 2021 (ara folio 245);

Rat il-verbal ta' l-udjenza tallum stess fejn, *inter alia,* gie ddikjarat:

Illi l-Ufficjal Prosekutur, wara li kien qies sew l-atti, hu tal-fehma li l-provi jwasslu ghall dak li jiddisponi l-Artikolu 216 u mhux 218 u dana ghall-dak li jirrigwardja l-ewwel imputazzoni.

Illi d-difiza issollecitat lil Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza numru 6, stante li din kienet kolpita diga bis-sentenza tal-5.8.2020 moghtija mill-Magistrat Caroline Farrugia Frendo.

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess, wara tali dikjarazzjonijiet tal-partijiet, ghall-imputazzjonijiet migjuba bin-

numri 1 (limitat biss ghall-artikolu 216 kap 9), 2, 3, 4 u 5 migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat**;

Illi meqjusa sew ir-rizultanzi processwali partikolarment l-evidenza medika, l-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ghandha ragun meta qed tiddikjara li f'dan il-kaz jezistu biss l-estremi ta' l-Artikolu 216 tal-Kap 9 u mhux l-estremi ta' l-Artikolu 218. Ghandha wkoll ragun minn naha l-ohra d-difiza meta qed tiddikjara li din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-akkuza numru 6 u dana peress li tali akkuza giet ezawrita bis-sentenza tal-5 t'Awwissu 2020 moghtija mill-Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo (ara folio 260 et seq).

**Konkluzjoni.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 216, 221, 325(1)(c), 339(1)(e), 382A, 383, 384, 385, 386, 412C 412D, 532A, 532B, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddisponi minn din il-kawza bil-mod segwenti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-akkuza numru 6 stante li din giet deciza bis-sentenza tal-5 t'Awwissu 2020 gia fuq imsemmija.

2. Issib lill-imputat hati, fuq ammisjoni tieghu stess, ta' l-ewwel akkuza (limitatament ghall-artikolu 216), u ta' l-akkuzi numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u hamsa (5) migjuba kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-tmintax (18) il-xahar priginerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur